

Brussell, 2 ta' Frar 2024  
(OR. en)

6124/24

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2020/0103(COD)

---

---

ECOFIN 122  
UEM 27  
CADREFIN 24  
CODEC 271

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Jannar 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 40 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Rapport Annwali tal-2021 dwar l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku u r-Rapport Annwali 2022

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 40 final.

---

Mehmuż: COM(2024) 40 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 29.1.2024  
COM(2024) 40 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**Rapport Annwali tal-2021 dwar l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku  
u r-Rapport Annwali 2022**

{SWD(2024) 17 final}

## RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

### Rapport Annwali tal-2021 dwar l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku u r-Rapport Annwali 2022

**L-istrument ta' Appoġġ Tekniku**<sup>1</sup> (“Technical Support Instrument” TSI) huwa l-programm tal-UE li ilu mill-2021 jipprovdi għarfien espert tekniku mfassal apposta lill-Istati Membri tal-UE biex ifasslu u jimplimentaw ir-riformi. L-oġettiv ġenerali tiegħu huwa li jippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-UE billi jappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-riformi meħtieġa biex jinkisbu l-irkupru ekonomiku u soċjali, ir-reżiljenza u l-konverġenza ekonomika u soċjali ‘l fuq. It-TSI jibni fuq is-suċċess tal-predeċessur tiegħu, il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali (SRSP) għall-2017–2020<sup>2</sup>, u jibbaża fuq baġit ferm oġhla.

Immaniġġjat mid-DĠ REFORM tal-Kummissjoni Ewropea, it-TSI huwa disponibbli għal kwalunkwe Stat Membru li qed jiffaċċja sfidi fil-proċess tat-tfassil u l-implimentazzjoni tar-riformi. Dan jinkludi riformi li għandhom l-għan li jegħlbu l-isfidi identifikati fil-proċess tas-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, il-prijoritajiet tal-UE, jew ir-riformi mwettqa fuq **inizjattiva proprja ta' Stat Membru**. Il-baġit għat-TSI **ma jallokax minn qabel fondi skont l-Istat Membru jew skont il-qasam ta' politika**.

It-TSI jipprovdi appoġġ tekniku lill-Istati Membri f'**firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika**. Dawn jinkludu l-ġestjoni tal-finanzi u tal-assi pubbliċi, ir-riforma istituzzjonali u amministrattiva, l-ambjent tan-negozju, is-settur finanzjarju, is-swieq għall-prodotti, is-servizzi u x-xogħol, l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-iżvilupp sostenibbli, is-saħħa u l-benessri soċjali. Dan jiffoka fuq azzjoni li tikkontribwixxi għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. It-TSI jista' jappoġġa wkoll il-ħidma għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza<sup>3</sup> (RRP).

It-TSI ma jeħtieġx kofinanzjament mill-Istati Membri. Il-baġit globali tiegħu taħt il-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 huwa ta' **EUR 864.4 miljun (Grafika 1)**. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jkunu talbu, u diġà talbu appoġġ tekniku addizzjonali permezz ta' kontribuzzjoni diretta<sup>4</sup> jew bħala parti mill-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom.

2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Total
116.4	118.7	121.1	123.5	126.0	128.5	130.4	864.4

*Grafika 1 - TSI għall-iprogrammar tal-baġit 2021-2027 (miljuni ta' EUR)*

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1–16 (ir-[“Regolament TSI”](#)).

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali għall-perjodu mill-2017 sal-2020 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 1305/2013, ĠU L 129, 19.5.2017, p. 1–16 (ir-[“Regolament SRSP”](#)).

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-irkupru u r-Reżiljenza, ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17–75 (ir-[“Regolament”](#) dwar l-RRF”, l-Artikolu 7.2).

<sup>4</sup> L-Artikolu 7 tar-[Regolament](#) dwar it-TSI.

Riformi intelliġenti, sostenibbli u soċjalment responsabbli jgħinu biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ekonomiji u s-soċjetajiet tal-Istati Membri. It-TSI toffri lill-awtoritajiet benefiċjarji fl-Istati Membri servizz uniku bbażat fuq il-proġetti biex jgħinjom jindirizzaw l-isfidi tar-riforma. L-appoġġ jista' jieħ u l-forma ta' — pereżempju — pariri strateġiċi u legali, studji, taħriġ, u żjarat tal-esperti, b'kull proġett jikkombina aktar minn forma waħda ta' appoġġ. Dan jista' jintuża fi kwalunkwe fażi fil-proċess ta' riforma mit-tnejn u t-tfassil sal-iżvilupp u l-implimentazzjoni. It-TSI għalhekk **isaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali u amministrattiva** tal-Istati Membri tal-UE. Huwa **mfassal apposta** u jwassal għal kull proġett **taħlita unika ta' għarfien espert** ipprovdut permezz tal-għarfien espert intern tal-Kummissjoni Ewropea, esperti mill-amministrazzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE (eż. permezz tat-[TAIEX](#), l-istrument ta' Assistenza Teknika u Skambju ta' Informazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea<sup>5</sup>), organizzazzjonijiet internazzjonali jew is-settur privat. Meta jkun meħtieġ għarfien espert estern tas-settur privat, il-Kummissjoni tikkuntratta għarfien espert estern permezz ta' ġestjoni diretta jew indiretta<sup>6</sup>. Il-persunal tad-DĠ REFORM huwa involut bis-sħiħ matul il-proċess tal-implimentazzjoni ta' kull proġett.

Billi jipprovdni appoġġ fuq il-post biex jingħelbu l-isfidi tar-riforma u biex jiġi stimulat it-tkabbir sostenibbli u inklużiv, it-TSI jgħin lill-Istati Membri jirkupraw mill-effetti soċjali u ekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19, jindirizzaw l-impatti tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u jtejbju l-kwalità tas-servizzi pubbliċi.

It-TSI huwa **strument ta' finanzjament immexxi mid-domanda** organizzat f'**ċikli annwali**. L-għan huwa li jiġu appoġġati t-talbiet tal-ogħla kwalità ppreżentati mill-Istati Membri biex jindirizzaw il-prijoritajiet fil-livell tal-UE u dawk nazzjonali. Huwa jmexxi sejħiet ġenerali għal talbiet bl-iskadenza għas-sottomissjonijiet fil-31 ta' Ottubru.

Il-Kummissjoni tista' torganizza wkoll **sejħiet dedikati** addizzjonali għal talbiet kif u meta jkun meħtieġ biex twieġeb għal ħtiġijiet emerġenti speċifiċi mill-Istati Membri u tappoġġa lill-Istati Membri b'**miżuri speċjali** f'każ ta' ħtiġijiet urġenti. Huwa għamel sejħiet apposta għal talbiet kemm fl-2021 kif ukoll fl-2022.

## Iċ-ċiklu tat-TSI 2021

**L-2021 kienet l-ewwel sena ta' implimentazzjoni** tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku. Filwaqt li bena fuq l-esperjenza u s-suċċess tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali, id-DĠ REFORM **qajjem b'suċċess l-għarfien** tat-TSI fost l-awtoritajiet benefiċjarji potenzjali **tas-27 Stat Membru**, u b'hekk żgura livell qawwi ta' interess mill-bidu nett.

Fl-2021 (Grafika 2), l-Istati Membri ppreżentaw talbiet għal appoġġ tekniku bi tveġiba għal tliet sejħiet għal talbiet:

- is-sejħa ġenerali għal talbiet tat-TSI 2021;
- sejħa speċifika għal taħriġ dwar Prattiki ta' bbaġitjar ekoloġiku;
- sejħa ddedikata għal appoġġ għall-Istati Membri tal-UE fit-tnejn tal-pjanijiet tagħhom ta' reżiljenza u rkupru.

F'Settembru 2021, il-Greċja ppreżentat talba oħra għal appoġġ taħt il-mekkaniżmu ta' miżuri speċjali biex jiġi indirizzat l-appoġġ urġenti ta' wara n-nirien meħtieġ għar-restawr u l-irkupru tal-bijodiversità u tal-ekosistemi fiż-żoni maħruqa tal-gżira ta' Evia.

---

<sup>5</sup> [https://neighbourhood-enlargement.ec.europa.eu/funding-and-technical-assistance/taix\\_en](https://neighbourhood-enlargement.ec.europa.eu/funding-and-technical-assistance/taix_en)

<sup>6</sup> Il-lista ta' entitajiet li jimplementaw il-fondi tal-UE b'ġestjoni indiretta għall-Istrument ta' Appoġġ Tekniku hija pprovduta fuq [is-sit web tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku](#).

	Numru ta' talbiet sottomessi	Numru ta' talbiet magħżula	Baġit allokati għat-talbiet magħżula f' miljuni ta' EUR
Sejħa ġenerali għat-talbiet	706	232	104.3
Taħriġ dwar il-prattiki tal-ibbaġitjar ekoloġiku <sup>7</sup>	18	18	0.45
Sejħa ddedikata għall-appoġġ tal-RRP	38	26	10.49
Miżuri speċjali	1	1	0.18
<b>TOTAL għat-TSI fl-2021</b>	<b>763</b>	<b>277</b>	<b>115.42</b>

*Grafika 2 — Tabella ta' ħarsa ġenerali tat-TSI 2021*

Il-232 talba magħżula skont is-sejħa ġenerali tat-TSI 2021 koprew il-prijoritajiet ewlenin tal-UE inklużi<sup>8</sup>:

- 125 talba relatati mat-tnejn jew l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza;
- 102 talba relatati mat-tranżizzjoni diġitali;
- 68 talba relatati mal-Patt Ekoloġiku Ewropew;
- 16-il talba relatati mal-ugwaljanza: appoġġ għan-nisa, għall-persuni b'diżabilità, għall-komunità Rom, għall-migranti, għall-persuni akbar fl-età u għall-komunità LGBTIQ+.

**Is-27 pjan ta' kooperazzjoni u appoġġ konklużi** mal-Istati Membri fl-2021 jiddeskrivu l-oqsma ta' politika koperti u l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri ta' appoġġ li għandhom jiġu implimentati, kif ukoll skedi ta' żmien indikattivi u baġits stmati.

Il-277 talba magħżula għat-TSI fl-2021 taħt l-erba' sejħiet differenti għal talbiet ġew issimplifikati f'263 proġett peress li fi ftit każijiet, diversi talbiet ingħaqdu fi proġett wieħed biex jiġu sfruttati l-ekonomiji ta' skala fit-twertiq u biex jiġu promossi sinerġiji lokali. Minn dawn il-263 proġett, tnejn indirizzaw il-ħtiġijiet ta' diversi pajjiżi fl-istess ħin, u wittew it-triq għal approċċ multinazzjonali li għandu jiġi żviluppat fis-snin ta' wara.

Sa tmiem Ottubru 2023, 151 proġett tat-TSI 2021 kienu ngħalqu, 5 kienu ġew ikkanċellati u 107 proġetti kienu għadhom għaddejjin. Eżempju ta' proġett importanti tat-TSI 2021 huwa [l-Implimentazzjoni tal-Prattiki tal-Ibbaġitjar Ekoloġiku fost l-Istati Membri tal-UE](#). Aktar eżempji u dettalji huma pprovduti fid-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjah.

## **Iċ-ċiklu tat-TSI 2022**

Filwaqt li jibni fuq l-esperjenza miksuba u l-ħidma ta' sensibilizzazzjoni mwettqa fiċ-ċiklu tat-TSI 2021, għat-tieni sena ta' implimentazzjoni tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, id-DĠ REFORM irnexxiel **jqajjem aktar sensibilizzazzjoni** dwar il-programm fost is-27 awtorità benefiċjarji potenzjali tal-Istati Membri, filwaqt li enfażizza li l-kwalità tat-talbiet għal appoġġ tekniku kienet il-fattur determinanti għall-għażla.

Iċ-ċiklu tat-TSI 2022 tnieda matul l-ewwel [Konferenza Annwali tat-TSI](#), li saret fit-30 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju 2021. Huwa beda d-diskussjoni mal-Istati Membri dwar talbiet potenzjali li għandhom jiġu ppreżentati fiċ-ċiklu tal-2022 u għab żewġ bidliet ewlenin: proġetti multinazzjonali, immirati biex jindirizzaw kwistjonijiet komuni li jiffaċċjaw ħafna Stati Membri, u jagħtu spinta lill-valur miżjud tal-UE tal-istrument, u proġetti "ewlenin", li jappoġġaw riformi

<sup>7</sup> Fames Stati Membri oħra ngħaqdu mal-iskema ta' taħriġ fl-2022.

<sup>8</sup> Talba waħda għal appoġġ tekniku tista' tikkontribwixxi għal diversi prijoritajiet tal-UE.

li huma meħtieġa b' mod wiesa' madwar l-Istati Membri u li huma konformi mal-prijoritajiet tal-UE.

L-inizjattivi ewlenin jiffaċilitaw it-talbiet tal-Istati Membri billi jipprovdu inizjattivi ta' appoġġ parzjalment żviluppatti biex jiġu żviluppatti u mfasla għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri. Id-DĠ REFORM ippropona 12-il inizjattiva ewlenija dwar suġġetti magħżula wara konsultazzjoni bir-reqqa tad-Direttorati Ġenerali tal-politika tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali ta' koordinazzjoni fl-Istati Membri kollha, biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-prijoritajiet nazzjonali u l-impenn tal-awtoritajiet nazzjonali. Mit-12-il proposta għal [proġetti emblematiċi ta' appoġġ tekniku tat-TSI 2022](#), 5 iffukaw fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u 3 fuq it-tranżizzjoni diġitali.

Fl-2022 (Grafika 3), l-Istati Membri ppreżentaw talbiet għal appoġġ tekniku bi tweġiba għal żewġ sejħiet għal talbiet:

- is-sejħa ġenerali tat-TSI 2022 għal talbiet;
- sejħa ddedikata għal talbiet biex l-Istati Membri tal-UE jiġu appoġġati fl-indirizzar tal-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, b' mod partikolari fl-akkoljenza tar-refuġjati mill-Ukrajna u l-eliminazzjoni gradwali tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili mir-Russja.

Barra minn hekk,

- Il-Kroazja ressqet 4 talbiet skont l-Artikolu 7 tar-Regolament TSI, li jippermettu lill-Istati Membri jitolbu appoġġ addizzjonali għat-TSI bi spejjeż tagħhom stess;
- 5 Stati Membri ppreżentaw talbiet skont l-Artikolu 7.2 tar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li jippermetti lill-Istati Membri jipproponu l-inklużjoni fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom (bħala kostijiet stmati) pagamenti għal appoġġ tekniku addizzjonali mit-TSI.

	Numru ta' talbiet sottomessi	Numru ta' talbiet magħżula	Baġit allokati għat-talbiet magħżula f' miljuni ta' EUR
Sejħa ġenerali	512	211	102.40
Sejħa ddedikata lill-Ukrajna	32	28	9.28
<b>TOTAL għat-TSI fl-2022</b>	<b>544</b>	<b>239</b>	<b>111.68</b>
Artikolu 7 TSI	4	3	2.76
Artikolu 7.2 RRF	5	5	3.87

*Grafika 3 3 — Tabella ġenerali tat-TSI 2022*

It-talbiet magħżula skont is-sejħa ġenerali tat-TSI 2022 koprew il-prijoritajiet ewlenin tal-UE, inkluż<sup>9</sup>:

- 103 talba relatati mal-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza;
- 95 talba relatati mat-tranżizzjoni diġitali;
- 63 talba relatati mal-Patt Ekoloġiku Ewropew;
- 24 talba relatati mal-ugwaljanza: appoġġ għan-nisa, għall-persuni b'diżabilità, għall-komunità Rom, għall-migranti, għall-persuni akbar fl-età u għall-komunità LGBTIQ+.

<sup>9</sup> Talba waħda għal appoġġ tekniku tista' tikkontribwixxi għal diversi prijoritajiet tal-UE.

Il-239 talba magħżula fl-2022 għall-appoġġ tat-TSI taħt iż-żewġ sejħiet differenti ġew tradotti f'185 proġett. Dawn min-naħa tagħhom wasslu għal 270 riforma minħabba żieda qawwija fl-għadd ta' proġetti multinazzjonali biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' diversi pajjiżi fl-istess ħin. Fil-każ ta' proġetti multinazzjonali, kull komponent speċifiku għall-pajjiż tal-proġett jissejjaħ riforma. Skont id-definizzjoni, proġett multinazzjonali huwa magħmul minn diversi riformi speċifiċi għall-pajjiż. Għal proġetti awtonomi, kull proġett jikkorrispondi għal riforma waħda.

Il-185 proġett tat-TSI 2022 tqassmu kif ġej: 164 proġett awtonomu għal Stati Membri individwali u 21 proġett multinazzjonali li jinkludu 106 riforma speċifika għall-pajjiż.

Kif imsemmi fit-tieni rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-RRF<sup>10</sup>,

- 23 Stat Membru rċevew jew bħalissa qed jirċievu appoġġ ġenerali għal aspetti trasversali tal-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż appoġġ għar-reviżjoni tal-pjanijiet, filwaqt li s-27 Stat Membru kollha jirċievu appoġġ speċifiku għall-politika marbut mal-implimentazzjoni tal-miżuri tal-RRF.
- Bħalissa 8 Stati Membri qed jipparteċipaw fi proġett multinazzjonali appoġġat mit-TSI biex tinbena l-kapaċità għal komunikazzjoni effettiva tal-benefiċċji tal-RRPs.
- 17-il Stat Membru rċevew jew bħalissa qed jirċievu appoġġ skont il-pjan REPowerEU. Xi miżuri għandhom ukoll dimensjoni diġitali (eż. id-diġitalizzazzjoni tal-enerġija).

Sa tmiem Ottubru 2023, 2 proġett tat-TSI 2022 kienu nġhalqu u 183 proġett kienu għadhom għaddejnin. Proġetti sinifikanti tat-TSI 2022 jinkludu l-proġett multinazzjonali dwar [l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-proċessi tal-politika pubblika u tal-baġit](#); appoġġ għar-Rumanija biex [taċċellera l-aċċess għal servizzi essenzjali għall-Ukreni spostati](#), u għall-[Akkademja Superviżorja tal-Finanzi Diġitali tal-UE](#). Aktar eżempji u dettalji huma pprovduti fid-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjah.

## Eżekuzzjoni tal-proġett

It-tmexxija tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku timplika involviment kostanti tad-DĠ REFORM mill-fażi tat-tfassil tal-proġett sal-implimentazzjoni tiegħu.

Id-DĠ REFORM huwa attiv mill-istadji bikrija tal-identifikazzjoni tal-proġett, b'komunikazzjoni estensiva mal-awtoritajiet nazzjonali, kuntatti kostanti bejn il-koordinaturi tal-pajjiżi tad-DĠ REFORM u l-awtoritajiet ta' koordinazzjoni korrispondenti, u laqgħat bejn il-manigġers superjuri tad-DĠ REFORM u l-awtoritajiet nazzjonali ta' kull Stat Membru fil-kapitali tagħhom.

Ladarba t-talbiet jintgħażlu u jiġi definit il-mod ta' implimentazzjoni, l-uffiċjali tal-politika fid-DĠ REFORM jikkollaboraw regolarment mal-awtoritajiet nazzjonali biex jidentifikaw l-outputs mixtieqa tal-proġetti u jsawru l-attivitajiet u l-pjanijiet ta' ħidma relatati. Huma dejjem membri ta' timijiet speċifiċi tal-proġett, flimkien ma' (kwalunkwe) fornitur magħżul, u jikkooperaw fil-ġestjoni ta' kuljum tal-proġett. Huma jiffaċilitaw ukoll komunikazzjoni effettiva bejn (kwalunkwe) fornitur u awtoritajiet nazzjonali, filwaqt li jippromwovu fehim komuni biex jiġi żgurat li l-proġett ikun suċċess.

Id-DĠ REFORM jikkoordina l-ħidma tiegħu ma' dipartimenti oħra tal-Kummissjoni permezz ta' network permanenti ta' rappreżentanti ta' Direttorati Ġenerali oħra. Dan sabiex jiġi żgurat li l-appoġġ tekniku pprovdut skont it-TSI jkun allinjat mal-politiki tal-UE, ma jidduplikax azzjonijiet oħra tal-UE u jiftaħ sinerġiji ma' programmi oħra tal-UE. Din il-kooperazzjoni ma' dipartimenti

---

<sup>10</sup> [https://commission.europa.eu/publications/recovery-and-resilience-facility-annual-report-2023\\_en](https://commission.europa.eu/publications/recovery-and-resilience-facility-annual-report-2023_en).

oħra tal-Kummissjoni hija wkoll opportunità biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-għarfien espert tekniku disponibbli fil-Kummissjoni jew immobilizzat faċilment minn programmi oħra tal-UE.

Membru tal-persunal tad-DĠ REFORM huwa wkoll awtomatikament membru ta' kull kumitat ta' tnexxija tal-proġett, flimkien ma' uffiċjali għolja mill-awtoritajiet nazzjonali. Ir-rwol tagħhom huwa li jiżguraw li l-proġett jibqa' konformi mal-prijoritajiet nazzjonali u tal-UE u jadatta għall-kuntest li qed jevolvi jekk ikun meħtieġ, bil-ħsieb li jikkontribwixxi għall-aġenda ta' riforma nazzjonali.

## Evalwazzjoni

L-evalwazzjoni tal-programm u tal-proġetti tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku tikkontribwixxi għall-evidenza tar-riżultati għall-Istati Membri u ċ-ċittadini fil-prattika. Id-DĠ REFORM jevalwa l-appoġġ li jipprovdi lill-Istati Membri kemm fil-livell tal-programm kif ukoll fil-livell tal-proġett.

F'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku huwa soġġett għal evalwazzjoni ta' nofs it-terminu (sa Frar 2025) u *ex post* (sa Diċembru 2030)<sup>11</sup>, kull waħda sostnuta minn studju mwettaq minn parti terza indipendenti. L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tat-TSI, hija mistennija li jkollha rwol importanti fit-tiswir tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' dan il-programm.

Minbarra l-evalwazzjoni mwettqa fil-livell tal-programm, id-DĠ REFORM stabbilixxa proċedura f'żewġ stadji biex jevalwa l-proġetti ta' appoġġ tekniku tat-TSI. L-ewwel pass iseħħ fit-tieni wara l-għeluq tal-proġett biex jiġi vvalutat jekk il-partijiet ikkonċernati ewlenin involuti fil-proġett humiex sodisfatti bit-tfassil u t-twettiq tal-proġett. L-għan tat-tieni pass huwa li jiġi vvalutat il-punt sa fejn il-proġett laħaq l-eżiti mistennija u jseħħ mill-inqas sena wara li jingħalaq il-proġett.

Għalkemm it-tul ta' żmien tal-proġett jista' jvarja, bħala medja jeħtieġ 24 xahar biex jitlestha proġett tat-TSI. Minn mindu bdew l-ewwel proġetti tat-TSI 2021 f'nofs l-2021, fid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-rapport, ftit proġetti biss ingħalqu għal aktar minn ftit xhur. L-ewwel tweġibiet disponibbli għall-kwestjonarji ta' evalwazzjoni indikaw evalwazzjoni pożittiva tal-valur tat-TSI. B'mod partikolari, l-awtoritajiet nazzjonali apprezzaw li huma involuti mill-qrib matul il-fażi ta' identifikazzjoni tal-proġett u fl-implimentazzjoni tagħhom. L-awtoritajiet nazzjonali apprezzaw ukoll ir-rwol attiv tad-DĠ REFORM biex jippermetti kuntatti diretti magħhom u mal-fornituri ta' appoġġ tekniku.

## Komunikazzjoni

L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku jaħdem id f'id mal-amministrazzjonijiet nazzjonali biex jappoġġa t-tfassil u l-implimentazzjoni tar-riformi tagħhom għall-benefiċċju taċ-ċittadini u tan-negozji tagħhom. Sabiex jiġi żgurat li l-**finanzjament ipprovdut mill-UE jkun viżibbli**, id-DĠ REFORM jippromwovi l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, il-proġetti tat-TSI u r-riżultati tagħhom permezz ta' kanali ddedikati u jipprovdi **informazzjoni mmirata lil diversi udjenzi**, inklużi l-media u l-pubbliku.

F'dan il-kuntest, id-DĠ REFORM inkorpora b'suċċess konferenza stampa tat-TSI u konferenza annwali tat-TSI fiċ-ċiklu annwali tal-programm. Barra minn hekk, l-attivitajiet u r-riżultati tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku u tal-proġetti relatati tat-TSI huma kondiviżi b'mod wiesa' fuq is-[sit web tal-Appoġġ għar-Riformi](#), li jipprovdi informazzjoni dettaljata skont il-[qasam ta' politika](#) u [skont il-pajjiż](#). Is-sit web jospita wkoll ir-[repożitorju pubbliku online uniku](#) tar-

---

<sup>11</sup> L-Artikolu 16 tar-[Regolament](#) dwar it-TSI.



riżultati tanġibbli finali tal-proġett tat-TSI. Id-DĠ REFORM juża l-midja soċjali biex jaqsam informazzjoni dwar it-TSI permezz tal-kont [@EU reforms](#) Twitter/X tiegħu.

## Għeluq

Fl-ewwel sentejn ta' implimentazzjoni tiegħu, it-TSI provda appoġġ tekniku għat-tfassil u l-implimentazzjoni tar-riformi fl-Istati Membri kollha. L-għadd ta' talbiet riċevuti konsistentement qabeż l-għadd ta' talbiet li l-programm seta' jkopri, xhieda tal-interess tal-awtoritajiet nazzjonali fl-opportunitajiet offruti minn dan l-istrument.

L-għadd dejjem jikber ta' proġetti multinazzjonali matul is-sentejn kien indikatur tal-kapaċità tal-programm TSI li jgħib aktar valur miżjud tal-UE u li jiffaċilita l-iskambju ta' prattiki tajbin u opportunitajiet ta' taġlim reċiproku fost l-amministrazzjonijiet nazzjonali.

Id-DĠ REFORM żied il-komunikazzjoni tiegħu dwar l-attivitajiet tat-TSI biex itejjeb ir-responsabbiltà tal-istrument u biex jagħmel lill-awtoritajiet nazzjonali konxji tal-opportunitajiet disponibbli taħt it-TSI. L-għan ta' din il-komunikazzjoni kien li twessa' l-fehim tal-awtoritajiet nazzjonali tal-opportunitajiet disponibbli skont it-TSI u tippermettilhom ifasslu proġetti biex jagħmlu l-aħjar użu mill-istrument biex jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

L-aktar importanti, il-persunal tad-DĠ REFORM għamel sforz konġunt fil-livelli kollha biex jappoġġa lill-Istati Membri matul il-fażi ta' implimentazzjoni biex jiżgura li l-proġetti kienu ta' suċċess u li l-outputs tagħhom baqgħu konformi mal-objettivi tal-Istati Membri. Id-DĠ REFORM jikkoopera wkoll mal-awtoritajiet nazzjonali biex imur lil hinn mill-implimentazzjoni ta' proġetti speċifiċi — li jintemmu bil-kisba u t-twassil tal-outputs — u jista' jappoġġahom biex isegwu r-riżultati tal-proġetti biex jimplementaw l-aġendi ta' riforma tagħhom.

Minħabba li l-implimentazzjoni tal-ewwel ċiklu tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku bdiet fl-2021, għadu kmieni wisq biex jiġu vvalutati l-kisbiet tal-proġett fil-prattika. Madankollu, abbażi tal-feedback riċevut mill-awtoritajiet beneficijarji fil-livell tal-proġetti, u mill-awtoritajiet ta' koordinazzjoni fil-livell tal-pajjiżi, l-Istati Membri ġeneralment apprezzaw l-appoġġ ipprovdut permezz tat-TSI, b'mod partikolari r-rwol attiv li jista' jkollhom fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġetti, u l-komunikazzjoni effettiva mid-DĠ REFORM.